MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 410/2004

Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ippremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fis-17 ta' Dicembru 1997 (Dok. A).

Peress illi l-hajja konjugali giet reza impossibli minhabba adulterju, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza kemm morali kif ukoll fizika kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibilita' ta' karattru.

Peress illi miz-zwieg twieldu tlett itfal ossia, D ta' disa' snin, E ta' seba' snin u F ta' erba' snin skond ma jirrizulta mill-anness certifikati tat-twelid markat Dok. B, C, u D.

Peress illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Dok. E).

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija.

3. Tiffissa retta alimentari pagabbli bhala manteniment mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghat-tfal taghha minuri.

4. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

5. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fir-raba' talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenut f' kaz ta' bzonn.

7. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni ta' assi immobbli f' kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi.

8. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-proprjeta' kollha taghha parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvnut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u stante illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti giet reza impossibli minhabba adulterju, vjolenza, sevizzi, theddid, ingurja gravi, dezerzjoni u inkompatibilita’ ta’ karattru imputabbli proprjament unikament lill-attrici;

2. Illi ghalhekk m’ ghandhomx jigu kkominati s-sanzjonijiet imposti mill-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-eccipjenti, izda ghandhom jigu applikati kontra l-attrici;

3. Illi l-eccipjenti jopponi t-tieni talba ta’ l-attrici stante li l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tkun wahda kongunta;

4. Illi fin-nuqqas ta’ talba attrici rigwardanti access, l-eccipjenti jixtieq jirregistra ix-xewqa tieghu ghall-access ghall-uliedu;

5. Illi l-process ta’ medjazzjoni falla biss minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, u dan wara illi l-abbozz ta’ ftehim qatt ma gie pprezentat mill-attrici, li kellha tiehu hsieb il-produzzjoni ta’ l-istess wara li kien hemm ftehim ghal separazzjoni bonarja peress illi l-eccipjenti ma kienx assistit minn Avukat waqt l-istadju ta’ medjazzjoni, u ghaldaqstant l-eccipjenti m’ ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet;

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Frar 2006 li permezz taghha l-Qorti accettat il-gustifikazzjoni tal-kontumacja da parti tal-konvenut;

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Anna Mallia, minnha debitament mahluf;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali bejniethom giet reza mpossibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-ksur taz-zwieg fuq l-istess bazi legali promossa mill-attrici.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li, qabel iz-zwieg il-partijiet kienu jikkoabitaw u kellhom zewgt itfal, D u E, li twieldu rispettivament fis-19 ta' Frar 1995 u fit-22 ta' Novembru 1997. Sussegwentement, fis-17 ta' Dicembru 1997 huma zzewgu, u minn dan iz-zwieg kellhom lit-tifla F li twieldet fit-28 ta' April 2000. Jidher li wara t-twelid ta' din it-tifla, il-konvivenza matrimonjali bdiet tixxaqqax sew, bir-rizultat li f' Jannar 2004, wara ncident li sehh fid-dar, l-attrici telqet bit-tfal mid-dar konjugali u marret tabita ghand ommha.

Sussegwentement il-konvenut dahal f' relazzjoni extra matrimonjali ma' persuna, taht l-eta', XY, identifikata b' isimha mill-partijiet. Minn naha l-ohra, rrizulta li bejn Settembru 2004 u Mejju 2005 l-attrici ghamlet zmien tghix mat-tfal taghha ghand certu FY, flimkien mat-tifla tieghu li kienet habiba taghha. Wara Mejju 2005 l-attrici marret toqghod go post bil-kera. Fil-frattemp il-konvenut baqa' joqghod b' kera fid-dar konjugali.

[1] Fol.221 *et seq.*

*Verzjoni attrici*
Illi l-attrici tghid li minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien aggressiv maghha u gieghli kien jerfa' idejh fuqha, partikolarment meta jkun abbuza mill-alkohol. Hija tghid li wara z-zwieg kemm-il darba telqet mid-dar konjugali bit-tfal u marret tghix ghal ftit taz-zmien ghand ommha minnhabba l-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront taghha.

Hija tghid li, wara li twieldet it-tielet wild, ir-relazzjoni konjugali kienet bdiet tmur lura, u konsegwentement ma kienx ikollhom relazzjonijiet intimi. Issemmi ncident f' Jannar 2004 fejn il-konvenut kien vjolenti u beda jkisser xi affarijiet ta' l-ghamara, u kien rizultat ta' dan l-incident li l-attrici ddecidiet li titlaq bit-tfal mid-dar konjugali.

Tispjega li bejn Settembru 2004 u Mejju 2005 hija kienet marret tghix, flimkien ma' uliedha, fid-dar ta' FY li jigi missier habiba taghha, li kien accetta li hi tmur tghix maghhom, flimkien mat-tifla tieghu. Hi kienet thallas sehemha mill-utilitajiet, u kienet thallas ta' l-ikel. Hija tghid li dan kellu 64 sena, u cahdet li kellha relazzjoni mieghu. Cahdet ukoll dak allegat mill-konvenut, li hi kienet telqet mid-dar ghax kellha lil haddiehor.

*Verzjoni tal-konvenut*
Dana jghid li omm l-attrici kienet tindahal f' kollox, anke fil-hajja taghhom, u l-attrici kienet tappoggja lil ommha billi dejjem izzomm maghha, anke f' argumenti li fihom ikun involut zewgha. Jghid li, matul il-koabitazzjoni u aktar tard matul il-konvivenza matrimonjali, l-attrici telqet mid-dar, ghal ftit, circa 36 darba u kienet tmur ghand ommha. Huwa nnega li kien isawwatha, u kien jghid li hafna mill-litigji kienu dovuti ghall-fatt li martu ghamlet zmien tbati minn post natal depression. Jghid pero' li ma kienx hemm incidenti daqshekk serji li jikkostringu lill-attrici titlaq mid-dar konjugali, u li din kienet ghamlet hekk bi skop li tiehu l-assistenza socjali.

Jghid li meta martu telqet mid-dar, huwa kien ghamel xi erba' xhur gewwa, imbaghad beda johrog sabiex jibni hajja gdid. Kien f' dan l-istadju, wara circa sitt xhur mis-

separazzjoni de facto, li huwa kien iltaqa’ ma’ XY u kien dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali maghha, u eventwalment dawn bdew jikkoabitaw. Sussegwentement, din it-tfajla kien harget tqila, b’tewmin minnu, izda sfortunatament dawn mietu wara ftit.

Huwa allega li l-attrici kienet infidila lejh, u li meta telqet mid-dar matrimonjali hija marret tikkoabita ma’ FY. Jakkuza lill-attrici li din ir-relazzjoni ma’ dan ir-ragel kienet bdiet matul il-konvivenza matrimonjali, u skond hu, “din ir-relazzjoni ma’ dan ir-ragel tispjega wkoll kif wara li twieldet F, ahna qatt aktar ma kellna relazzjoni sesswali.”[2] Jghid li wara li martu telqet mid-dar, hija kienet marret tghix ma’ dan ir-ragel “u mhux ghand ommha, kif kienet tipprova tghid, u ghamlet zmien twil tghix mieghu, meta hi setghet ghamlet bhal ma kienet tghidli li ghamlet drabi ohra, u tmur ghand ommha.”[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi in propozitu ghas-separazzjoni personali, il-Qorti tosserva li ma hemmx dubju li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta l-konvenut dahal f’ relazzjoni extra matrimonjali li giet fl-apert ftit wara li martu telqet bit-tfal mid-dar konjugali. Il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenut kien aggressiv fil-konfront ta’ martu u fir-rabbja kien jinfexx fit-tkissier ta’ l-ghamara. Kienet proprju f’ wiehed minn dawn l-incidenti li l-attrici qabbdet lit-tfal u telqet mid-dar konjugali, u marret tghix ghand ommha. Il-Qorti taqbel li l-komportament vjolent, ripetut u abitwali, da parti tal-konvenut kien irrenda nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali, u jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat.

Illi rigward l-akkuza ta’ adulterju promossa mill-konvenut fil-konfront ta’ martu, il-Qorti tistqarr li rriskontrat certu diffikulta’ fl-apprezzament taghha, tenut kont tat-tenwita’ tal-provi in propozitu. Ghalkemm l-attrici tammetti li bejn Settembru 2004 u Mejju 2005 hija kienet marret tghix ma’ FY, ragel ta’ 64, flimkien ma’ bintu u bl-intervent taghha,

[2] Fol.73

[3] Ibid.

hija tichad kategorikament li hi kellha relazzjoni ma' dan ir-ragel; u tghid li wara Mejju 2005 hija kienet sabet post bil-kera u marret tghix ghar-rasha flimkien ma' uliedha.

Il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-principju kardenali f' materja ta' prova, li minn jallega l-fatt ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnu, tosserva li, tenut kont tal-fatt li l-konvenut naqas milli jikkultiva l-provi f' dan ir-rigward, per ezempju billi jressq bhala prova lil FY, jekk kien ghadu haj, u lil bintu li kienet tghix maghhom, u wkoll fl-istess kontro ezami jkompli jstaqsi lill-attrici, dak li staqsa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u cioe' ghaliex din ma baqghetx tghix ghand ommha, il-provi f' dan ir-rigward ma jistghux jigi meqjusa bhala li jikkostitwixxu ndizzji gravi, precizi u konkordanti li jwasslu ghall-prova ta' l-adulterju da parti ta' l-attrici; kif lanqas thoss li jswasslu ghall-prova ta' l-ingurja gravi kif sottomess mill-perit legali; u dan, multo magis, meta fl-istess kontro ezami l-attrici nnegat li kellha relazzjoni ma' FY.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jirrizulta t-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg tal-partijiet, u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 li jattiraw fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier tieghu tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 ta' l-istess Kap.

**Kura u Kustodja**

Illi l-Qorti, fl-interess tat-tfal minuri D, E u F, li llum ghandhom rispettivament 12, 10 u 7 snin, circa, tafda l-kura u kustodja taghhom lill-attrici; izda decizjonijiet rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament.

Illi l-konvenut ikollu access ghal uliedu, <u>darbtejn fil-gimgha tlett sieghat kull darba</u>, liema granet, minhabba l-hinijiet tax-xoghol tal-konvenut, ghandhom jigu konkordati bejn il-partijiet, tenut kont tal-impenji ta' l-istess tfal; <u>u</u> <u>darba fil-weekends Sibt/Hadd b' mod alternat</u>, mid-9.30 am sas-7.00pm fil-perijodu skolastiku, u sat-8.30pm fil-vaganzi skolastici.

Fil-granet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, L-Ghid, l-access ikun fl-ewwel sena mid-9.30 am sal-4.00pm, u fit-tieni sena mill-4.30 pm sat-8.00pm. F' Jum il-Missier, l-access ikun kull nhar ta' Hadd, u f' Jum l-Omm l-access ikun kull nhar ta' Hadd.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tikkonferma d-digriet moghti minnha fit-2 ta' Jannar 2007, tenut kont tal-mezzi tal-konvenut li hu l-parti hatja ghas-separazzjoni, u tenut kont ukoll tal-fatt li llum t-tfal ghandhom certu eta' u jmorru l-iskola u l-eta' ta' l-attrici [circa 33 sena] li ghalhekk qeda f' pozizzjoni li ssib xoghol u tghin anke finanzjarjament fit-trobbija ta' uliedha.

Ghaldaqstant tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' hames mija sitta u tletin ewro [€536], rapprezentanti €186.40 manteniment ghaliha, u €349.50 bhala manteniment ghat-tliet ulied minuri, sakemm dawn jsiru maggjorenni jew jibdew jahdemu b' introjtu adegwat u regolari.

**Dar Matrimonjali – 144 St.Mary House, Ganu Str. Birkirkara**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta pacifiku li l-fond kien okkupat mill-partijiet b' titolu ta' kera fuq isem il-konvenut. Inizjalment, qabel iz-zwieg, dan il-fond kien mikri lill-genituri tal-konvenut, u meta dan iltaqa' ma' l-attrici l-kera kienet diga' daret fuq ismu. Dan kollu sar qabel iz-zwieg[4]. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-inkwilinat tal-fond de quo huwa proprjeta' parafernali appartenenti lill-konvenut.

Jinsab ritenut fil-gurisprudenza li d-dritt ta' l-inkwilinat li konjugi jkun gawda minn qabel iz-zwieg, dak id-dritt jibqa' ta' dak il-konjugi, u ma jsirx parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti [*Bianchi vs Stillon Appell 1952 Vol.XXXVIB*]

[4] Dep.Attrici – fol.192

Illi tenut kont tal-fatt li dan id-dritt huwa parafernali tal-konvenut u li ma jifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll tal-fatt li fic-citazzjoni l-attrici ma talbietx li tigi awtorizzata tibqa' tghix fid-dar konjugali ad eskluzjoni ta' zewgha, ai termini ta' l-artikolu 55A tal-Kap.16, il-Qorti ma taccettax il-pretensjoni maghmula mill-attrici fin-nota taghha sabiex tigi awtorizzata tghix fid-dar konjugali.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fis-segwenti proprjeta' u ghandha tigi assenjata kif ser jinghad:

[1] Garage fi Triq Ta' Paris, go Birkirkara: Il-Qorti tordna li dan jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sena millum, wara li jigi stmat mill-Perit AIC Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop; sakemm il-partijiet ma jipprezentawx nota kongunta dwar valur konkordat ta' dan il-fond. Fin-nuqqas li jsir il-bejgh fl-imsemmi perijodu, il-Qorti tordna li l-fond jinbigh bis-subbasta, wara li l-valur tieghu jigi stabbilit kif fuq indikat.

Illi r-rikavat ta' dan il-bejgh ghandu jinqasam bejn il-partijiet f' zewg porzjonijiet ugwali, wara li minnu jitnaqqas id-dejn kollu gravanti l-istess fond, kif ukoll id-djun kollha li l-partijiet ghandhom mal-Bank of Valletta.

[2] Oggetti mobbli: Illi, filwaqt li l-kamra tal-pranzu ghandha tinzamm mill-konvenut, stante li hi proprjeta' parafernali tieghu, il-kumplament ta' l-oggetti mobbli li jinsabu fid-dar konjugali u elenkati mill-perit legali fir-relazzjoni taghha [*Appendici A fols.246 sa 248*], flimkien mal-karrozza tal-marka Hyndai, ghandhom, wara li jigi stmati, jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien xahar, u fin-nuqqas jinbighu bis-subbasta, u l-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; izda f' dan ir-rigward il-partijiet, qed jinghataw il-fakolta' li jiftehmu mod iehor, b' nota kongunta prezentata minnhom fir-registru ta' din il-Qorti;

[3] Kontijiet Bankarji: Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kontijiet indikati mill-perit legali fir-

relazzjoni taghha[5], tordna li l-bilanci kif inhuma llum ghandhom jinqasmu wgwalment bejn il-partijiet, wara li jitnaqqas minnhom il-bilanc li talvolta jkun fadal mill-loans li l-istess partijiet ghandhom mal-Bank of Valletta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut in kwantu huma nkompatibbli ma' dak li qed jigi hawn taht deciz:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni "Manteniment";
[4] tilqa' ir-raba' talba;
[5] tilqa' l-hames u is-seba' talba, u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni taghha, u l-assenjazzjoni ta' l-assi kif fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni "Komunjoni ta' l-Akkwisti";
[6] tichad is-sitt talba, stante li hi superfluwa;
[7] tichad it-tmien talba, stante li ma ngabux provi.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Vide Appendici A